**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 37**

**Avviz Nru: 506/02AE**

**Mizzi Antiques Limited**

**Vs**

**Flower Power (Sales) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm548.75), prezz ta' materjal mibjugh lis-socjeta konvenuta fuq struzzjonijiet ta' l-istess.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu

preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha  r-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li  l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokument li gie  prezentat mis-socjeta attrici (Dok. CB1).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm548.75), bl-imghax mid-data ta' kull invoice.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**